**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Philip M. Magri LL.D; M.A. (Fin.Serv); M.Phil (Melit)**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 5 ta' Frar, 2018**

**Talba Nru: 359/2017PM1**

**Busy Bee Limited**
**(C 6186)**

**Vs**

**Beverley Denton (ID 150990(A))**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fid-9 t'Awwissu, 2017 illi l-konvenuta ghandha thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf, sitt mija u erba' euros u tmenin centezmi (€1604.80) in konnessjoni ma' servizzi ta' *catering* prestati lill-istess konvenuta fuq inkarigu taghha stess kif jirrizulta mill-fattura datata 23 ta' Settembru, 2016 annessa mal-avviz u mmarkata Dok. BB1 bl-ispejjez u bl-imghax legali kontra l-istess konvenuta ingunta in subizzjoni.

Ra d-dokument anness mal-istess avviz a sostenn tat-talba senjatament il-fattura surreferita (fol. 3 tal-process) u l-ittra legali datata 20 ta' Marzu, 2017 (fol. 4 tal-process).

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mill-Ligi u lanqas ma deheret ghas-seduta tal-lum.

Sema' x-xhieda tar-rapprezentant tas-socjeta` attrici moghtija fis-seduta tal-lum li permezz taghha ikkonferma l-ammont dovut in rapprezentanza ta' servizzi ta' *catering* prestati mill-istess socjeta` attrici lill-intimata u li ma sar ebda hlas mill-intimata minkejja weghdiet f'dan is-sens min-naha taghha.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

**Ikkunsidra**

Illi ghalkemm debitament notifikata l-intimata naqset milli tattendi ghas-seduta tal-lum u lanqas prezentat ebda risposta ghat-talba kif dedotta mis-socjeta' attrici.

Illi l-ammont mitlub jirrizulta ampjament mid-dokumenti ezebiti a sostenn tal-istess talba mal-avviz odjern oltre li jirrizulta wkoll dovut, flimkien mal-ispejjez u l-imghaxijiet relattivi, mill-intimata lis-socjeta` attrici skont ix-xhieda moghtija mir-rapprezentant tas-socjeta` attrici fis-seduta tal-lum.

Illi fir-rigward tal-imghaxijiet legali, it-Tribunal jaghmel referenza ghal dak li jinsab deciz mill-Onor. Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fil-kawza fl-ismijiet '**Fogg Insurance Agencies Limited noe. et. v. Paul Tabone**' fis-17 ta' Frar, 2003 u cioe` li l-imghaxijiet jiddekorru min-notifika ta` l-avviz u mhux mid-data tal-introduzzjoni tieghu u jaghmel tieghu il-konkluzjoni hemmhekk raggjunta f'dan ir-rigward. F'dan il-kaz allura l-imghaxijiet huma dovuti fuq is-sorte mill-15 ta' Jannar, 2018 data tan-notifika lill-intimata tal-avviz odjern u jibqghu jiddekorru sad-data tal-pagament effettiv.

Ghaldaqstant it-Tribunal jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' elf, sitt mija u erba' euros u tmenin centezmi (€1604.80) in

konnessjoni ma' servizzi ta' *catering* prestati lill-istess konvenuta fuq inkarigu taghha stess kif jirrizulta mill-fattura datata 23 ta' Settembru, 2016 bl-ispejjez u bl-imghax legali fuq is-sorte mill-15 ta' Jannar, 2018 kontra l-istess konvenuta.

**Avukat Dr. Philip M. Magri LL.D. M.A. (Fin. Serv.) M.Phil.**

**Gudikatur**